# PROGRESS

Sejrin 'l ura bħal qabru...
Fid-djar mietet is-sliema;
Min dineb jarġa' jidneb
U ma jridx jaf b'indiema.

Kullfejn iddawwar wiċċek
Nies imbergħna wi mqarrsa...
Theddid, tilwim f'kull kelma,
Saret traġedja l-farsa.

Min daħak daħka 'l bieraħ:
Il-lum sefgħetlu sogħba,
Jara li l-ħajja kiefra
U li l-għaxa mhux logħba,

Għax bejn ġurnata u oħra
Jittawlu l-għaks u l-ġuħ,
U l-ħidma kulljum tonqos,
U ftit hemm ħobż merfugħ.

Frattant iż-żgħażagħ tidħak ;
L-imħabba saret sport...
Ix-xjuħ iħokku rashom,
Jgħidu li m'għandhomx tort,

U ċ-ċfales kulljum tikber,
Min jorbot jarġa' jħoll...
M'għandekx għax tgħid lil għajrek :
"Ħabib, ara l-iskoll."

Fil-"business", fil-Pulitka
Gideb, tnassis bla qies...
Kollox arblu ta' Mejju,
Min tala' fuq sar nies :

U dak li jsir fiċ-ċkejken
Isir aktar fil-kbir...
Din marda li tittieħed,
Tirkeb l-għani wil-fqir.

Qoxortu ħadd ma tesgħu,
Kullħadd jgħir għall-aħjar,
U ftit, ftit hawn min jaħseb,
Kif Alla jrid, fid-dar:

U l-marella tad-dinja
Titħabbel kull ma tmur,
Għax lil MIN jaf isewwi
In-nies bagħtitu jdur.

....................

Imm'għandna l-ajruplani,
It-talkie, l-wajjerless ..
Evviva s-SEKLU tagħna,
Is-Seklu tal-progress!...

DUN KARM